TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Charles Gravina

vs

Charles Cassar

CCT 11/18/MS

5 ta Settembru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fil-31 ta' Jannar 2018 fejn talab ir-rifuzjoni ta' tmenin Euro, parti minn prezz ta' zarbun li gie moghti lill-konvenut ghat-tiswija u li saritlu l-hsara waqt li kien fil-pussess tal-istess konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentat fil-5 ta' Marzu 2018 fejn cahad it-talba tar-rikorrent bhala infondata u inveritjera u fejn stqarr ukoll illi l-professjoni tieghu mhuwiex skarpan u dan ix-xoghol jaghmlu bhala *hobby*.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti kollha tal-process.

Ikkunsidra

Irrizulta mix-xhieda tar-rikorrent illi xi sena u nofs ilu, huwa kien xtara par zarbun minn Milan ghal prezz ta' xi mitt Euro. Biz-zmien u l-uzu, nqala' l-qiegh ta' zarbuna wahda u z-zija tieghu hadet din iz-zarbuna ghand il-konvenut ghat-tiswija. Wara li z-zarbuna ngabret lura ir-rikorrent jghid illi din -zarbuna kella l-wicc kollu mqatta mentri qabel ma kkonsenja lill-konvenut din il-hsara ma kenitx hemm. Ir-rikorrent jallega illi l-hsara ghamilhielu l-konvenut u qed jitlob minghandu tmenin Euro bhala kumpens.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut ighid li z-zarbun gie ghandu bil-wicc kif inhu llum. L-inkarigu kien li jsewwi l-qiegh u hekk ghamel. Spjega li ma kienx skarpan izda jmidd idejh ghal kollox u bhala *hobby* jaghmel dan ix-xoghol.

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Ikkunsidra

Illi sabiex ir-rikorrent jirnexxi fl-istanza tieghu jrid jipprova almenu fuq bazi ta' probabbilita' illi huwa sofra dannu a karigu tal-konvenut li esegwixxa inkarigu mhux skond l-arti u s-sengha.

Haga li tispikka f'din il-kawza hija l-karenza ta' provi min-naha tar-rikorrent. It-Tribunal ghandu biss il-kelma tar-rikorrent dwar fejn meta u kemm xtara dan iz-zarbun. Ma gew pprezentati ebda rcevuti. Terga' u tghid ma hemm l-ebda prova tal-kondizzjoni taz-zarbuna qabel ma din giet kkonsenjata lill-konvenut. Kienet iz-zija tar-rikorrent illi hadet hsieb li tiehu u anke tigbor iz-zarbuna minghand il-konvenut u din ma telghetx tixhed biex taghti informazzjoni dwar il-kundizzjoni taz-zarbuna kemm qabel u wara.

Illi r-rikorrent jallega illi l-konvenut uza xi kimika fuq iz-zarbuna izda din bl-ebda mod ma giet ippruvata, anzi giet negata mill-konvenut li qal li uza biss kolla fuq il-qiegh taz-zarbun. It-Tribunal ma jaqbilx mal-argument tar-rikorrent meta qal illi zarbuna t-tajba ittiehdet mill-kimika tal-ohra. Jekk verament iz-zarbuna moghtija lill-konvenut kienet affetta minn xi kimika, ir-rikorrent kien immur mal-ewwel ghand il-konvenut u mhux ihalli z-zarbuna ma genb l-ohra li suppost kienet ghadha tajba. Il-fatt illi z-zarbuna li baqghet id-dar xorta bdiet turi sinjali ta' tqaxxir anzi turi li dan kien process naturali fejn il-hajja tal-gilda ta' dik iz-zarbuna wasslet fl-ahhar. Ta' dan zgur ma jahtix il-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, it-tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrent . Bl-ispejjes kontra tieghu.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru